MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Talba Numru. 667/2012

**Alexandra Palace Limited (C-8765)**
**Vs**
**Sunshine Breaks Limited (C-48583)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' elfejn tliet mija u sitta u hamsin ewro (€2356) in konnessjoni ma' *bookings* li ghamlet il-konvenuta fil-lukanda propjeta' tas-socjeta' attrici u cjoe l-Alexandra Palace Hotel u liema ammont baqa' ma thallasx minkejja li l-konvenuta giet interpellata diversi drabi biex taffettwa l-hlas; bl-ispejjez u bl-imghax min meta l-ammont kien dovut sad-data tal-effettiv pagament.

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta biha ammettiet il-kreditu pretiz mis-socjeta' attrici u li llum l-ammont ta' Eur 2356 thallas permess ta cekk ara dok SB a fol 8 tal-process.

Ra il-verbal tas-17 ta Jannar 2013 fejn ntalab li din it-talba tmur ghas-sentenza dwar l-ispejjes.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi it-jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici rigward l-ispejjez ta’ din it-talba, bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------